

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 65/2009**tat-22 ta' Jannar 2009****li jistipula r-rati tar-rifużjonijiet applikabbli għall-bajd u l-isfar tal-bajd esportati fil-forma ta' oġġetti li ma jaqgħux taħt l-Anness I tat-Trattat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdni li d-differenza bejn il-prezzijiet fin-negożju internazzjonali għall-prodotti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(s) u elenkati fil-Parti XIX ta' l-Anness I ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fil-Komunità jistgħu jaqgħu taħt rifużjoni fuq l-esportazzjoni fejn dawk l-oġġetti huma esportati fil-forma ta' oġġetti elenkati fil-Parti V ta' l-Anness XX ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 dwar is-sistema ta' l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti mill-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għat-twaqqif ta' ammont ta' tali rifużjonijiet ⁽²⁾, jispeċifika l-prodotti li għalihom rata ta' rifużjoni għandha tiġi stabbilita u li għandha tiġi applikata meta dawn il-prodotti huma esportati fil-forma ta' oġġetti mniżżla fil-forma ta' oġġetti elenkati fil-Parti V ta' l-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (3) Skond l-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi inkwistjoni tkun stabbilita għal perjodu ta' żmien ta' l-istess tul bħal dawk li għalihom rifużjonijiet huma stabbiliti għall-istess prodotti li huma esportati fi stat mhux ipproċessat.
- (4) L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluża taħt l-Uruguay Round jistipula li r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal prodott li jinstab l-oġġett ma jstax jaqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr ipproċessar ulterjuri.
- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rati tar-rifużjoni applikabbli għall-prodotti bażiċi mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 fl-Artikolu 1(1)(s) ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u esportati fil-forma ta' oġġetti mniżżla fil-Parti V ta' l-Anness XX tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom ikunu stabbiliti kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

ANNEX

rati ta' rifużjonijiet applikabbli mit-23 ta' Jannar 2009 tal-bajd u l-isfar tal-bajd esportati fil-forma ta' oġġetti li ma jaqgħux taħt l-Anness ta' dan it-Trattat

(EUR/100 kg)			
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Destinazzjoni ⁽¹⁾	Rata tar-rifużjoni
0407 00	Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar:		
	– Tat-tjur:		
0407 00 30	– – Oħra:		
	(a) Fuq esportazzjoni ta' ovalbumin tal-kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90	02	0,00
		03	16,00
		04	0,00
	(b) Fuq esportazzjoni ta' oġġetti oħra	01	0,00
0408	Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra u l-isfar tal-bajd, friski, immnixxa, imsajra permezz tal-fwar jew mgħollija fl-ilma, magħmula f'forma, iffriżati jew ippreservati mod ieħor, kemm jekk ikun fihom zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti ħlewwa u kemm jekk le:		
	– L-isfar tal-bajd:		
0408 11	– – Imnixxef:		
ex 0408 11 80	– – – Tajjeb għall-konsum uman:		
	mhux miżjud bi ħlewwa	01	25,10
0408 19	– – Oħra:		
	– – – Tajjeb għall-konsum uman:		
ex 0408 19 81	– – – – Likwidu:		
	Mhux miżjud bi ħlewwa	01	12,60
ex 0408 19 89	– – – – Iffriżat:		
	mhux miżjud bi ħlewwa	01	12,60
	– Oħra:		
0408 91	– – Imnixxef:		
ex 0408 91 80	– – – Tajjeb għall-konsum uman:		
	mhux miżjud bi ħlewwa	01	15,90
0408 99	– – Oħra:		
ex 0408 99 80	– – – Tajjeb għall-konsum uman:		
	mhux miżjud bi ħlewwa	01	4,00

⁽¹⁾ Id-destinazzjonijiet huma dawn li ġejjin:

- 01 Pajjiżi terzi. Għall-Iżvizzera u l-Liċtenstein dawn ir-rati m'humiex applikabbli għall-prodotti imniżżla fit-tabelli I u II tal-Protokoll Nru 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972,
- 02 Il-Kuwajt, il-Baħrejn, l-Oman, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħqda, il-Jemen, it-Turkija, Hong Kong SAR, u r-Russja,
- 03 Il-Korea ta' Isfel, il-Ġappun, il-Malażja, it-Tajlandja, it-Tajwan u l-Filippini,
- 04 kull destinazzjoni ħliet l-Iżvizzera u dawk ta' 02 u 03.